**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 279/11VG**

**Raymond Cuschieri**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 20 ta' April 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Raymond Cuschieri fit-2 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi bir-referenza IV 120293 IR (S) 2877/09; (ii) jiddikjara li d-decizjoni hija zbaljata peress illi hija bbazata fuq stima li ttiehdet wara li saru xoghlijiet fil-fond; (iii) inaqqas l-ammont addizzjonali ta' taxxa u jirrevoka kull penali relattiva imposta mid-Dipartiment; (iv) jiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija zbaljata wkoll ghaliex hija bbazata fuq konsiderazzjoni zbaljata ta' fatti u ta' dritt; u (v) jiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hija preskritta, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tieghu u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra li b'Digriet moghti fl-14 ta' Frar 2012[1] it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh in forza ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

[1] Fol. 16 tal-process.

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2012[2], ra ir-Rapport tal-Perit Johann Farrugia datat 12 ta' Ottubru 2012 esebit mill-istess Perit permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' Ottubru 2012 a fol. 31 sa' 33 tal-process u sema' x-xhieda tal-Perit Johann Farrugia moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2013[3], sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Novembru 2012[4] u tas-26 ta' Novembru 2012[5], ra l-affidavit ta' Charlene Cuschieri esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Novembru 2012 a fol. 43 u 44 tal-process u ra d-dokumenti, ossia kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 24 ta' April 2009 u kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 18 ta' Dicembru 2008, rispettivament markati Dok. "A" u Dok. "B", esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Novembru 2012 a fol. 45 sa' 60 tal-process u ra d-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) markati Dok. "KTI1" sa' Dok. "KTI6" permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Lulju 2013 a fol. 83 sa' 94 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013[6] il-partijiet kontendenti ddikjaraw li f'dan il-kaz ma hemmx il-htiega li jsir access fil-fond mertu tal-kontestazzjoni;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 18 ta' Dicembru 2008, ir-Rikorrent u martu Josephine Mary Cuschieri, akkwistaw *il-maisonette bin-numru ufficjali ghoxrin (20) jismu "Petersborough" fi Triq San Mikiel, fil-Fgura, ... fil-first floor level (it-tieni sular), minghajr l-arja tieghu stante li sottopost ghall-appartament 'duplex' proprjetà ta' Andrea Cilia u Luana Bartolo ... sovrappost ghal zewg garaxxijiet proprjetà tas-successuri fit-titolu ta' Carmelo Mangion li maghhom ghandu in komun is-sistema tal-katusi tad-drains, drenagg u ilma tax-xita...* versu l-prezz ta' €81,528.07[7]. Wara li dan it-trasferiment gie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Avviz ta' Trasferiment Inter Vivos ta' Proprjetà Immobbli lil Ghandu Jinghata skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u l-Atti dwar it-Taxxi[8], il-Kummissarju inkariga lill-Perit Carmel Cacopardo ghall-fini li jaghtih stima tal-valur reali tal-*maisonette* akkwistat mir-Rikorrent u martu fiz-zmien tat-trasferiment. Il-Perit Cacopardo inizjalment ta stima *best of judgement* fl-ammont ta' €175,000 a bazi ta' liema l-Kummissarju tat-Taxxi hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV109985 fil-konfront tar-Rikorrent ghall-

[2] Fol. 20 sa' 24 tal-process.
[3] Fol. 79 u 80 tal-process.
[4] Fol. 37A sa' 37D tal-process.
[5] Fol. 40 sa' 42 tal-process.
[6] Fol. 82 tal-process.
[7] Dok. "B" a fol. 52 sa' 60 tal-process.
[8] Dok. "KTI1" a fol. 84 sa' 86 tal-process.

hlas tas-somma ta' €4,139.00 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €93,400 u tas-somma ulterjuri ta' €4,139.00 bhala taxxa addizzjonali. In segwitu ghall-oggezzjoni tar-Rikorrent il-Perit Cacopardo acceda mill-gdid fil-fond in kwistjoni u wara li attwalment spezzjona l-fond ta stima fl-ammont ta' €98,000. B'decizjoni datata 25 ta' Ottubru 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi rreveda l-valur reali tal-fond akkwistat mir-Rikorrent u martu fiz-zmien tat-trasferiment minn €175,000 ghal €98,000 u konsegwentement naqqas it-taxxa u taxxa addizzjonali skontu dovuti minn €4,139.00 u €4,139.00 ghal €574.00 u €574.00 rispettivament u konsegwentement hareg il-Likwidazzjoni ta' Taxxa relattiva bil-Kont Nru. IV120293 fil-konfront tar-Rikorrent.

Ir-Rikorrent xorta wahda hassu aggravat bid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu u b'hekk interpona dan l-appell quddiem it-Tribunal permezz ta' liema jitlob it-thassir u revoka ta' l-imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa, dikjarazzjoni li d-decizjoni hija zbaljata in kwantu ma ttiehdux in konsiderazzjoni xoghlijiet li saru fil-post u fi kwalunkwe kaz hija zbaljata ghaliex bbazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati ta' fatt u ta' dritt, u dikjarazzjoni li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hija preskritta.

Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa fuq is-segwenti aggravji: (i) *id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija zbaljata billi hija bbazata fuq stima hafna oghla mill-valur reali tal-fond kif inxtara u fl-istat li fih inxtara;* (ii) *ghalkemm il-bejgh sar fl-2008 l-ispezzjoni fuq l-imsemmi fond mill-Perit ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex tinghata stima ai fini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferiment, Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta, saret ferm wara;* (iii) *ghalkemm l-ammont rikjest fl-ewwel ittra ta' likwidazzjoni gie mnaqqas izda l-esponent xorta ma jaqbilx ma' l-istima ta' l-istess;* u (iv) *il-proprjetà giet trasferita lil mart l-esponent f'April 2009, permezz ta' att ta' separazzjoni u ghalhekk ukoll u minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-responsabilità tal-hlas ta' l-istess kemm-il darba jkun il-kaz, ghandu jaqa' fuq martu u mhux fuq l-esponent*[9].

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi u b'hekk jisthoqq li jigu ikkonfermati.

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba bil-hames talba tieghu r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jiddikjara li ebda ammont ma huwa dovut minnu in kwantu t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hija preskritta, jehtieg li tigi trattata din it-talba partikolari qabel ma jigi trattat l-appell fil-mertu.

A tenur ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana kif applikabbli anke fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, il-Kummissarju tat-

[9] Rikor promotur, fol. 2 tal-process.

Taxxi jista' johrog stima ai termini ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien sena minn meta jircievi Avviz dwar it-trasferiment a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. A tenur ta' l-Artikolu 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana kif applikabbli anke fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, Likwidazzjoni ta' Taxxa titqies li saret mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-data meta l-istess tigi notifikata lit-*taxpayer*. L-Artikolu 56 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, ma kienx jipprovdi terminu massimu entro liema l-Kummissarju tat-Taxxi kellu jiddeciedi u jiddetermina oggezzjoni qual' volta sottomessa mit-*taxpayer* minn Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu izda l-Artikolu 2156(g) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *salv kif provdut fxi ligi specjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarj, dazji jew taxi ohra* jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi nghata Avviz tat-trasferiment in kwistjoni fid-**19 ta' Jannar 2009** [10] u huwa hareg il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV109985 fil-konfront tar-Rikorrent, liema Likwidazzjoni kienet ibbazata fuq l-istima *best of judgement* ta' €175,000, fis-**7 ta' Lulju 2009**[11]. Ghalkemm ma tirrizultax data ezatta meta din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa giet notifikata lir-Rikorrent, mill-minuti tad-Dipartiment esebiti bhala Dok. "KTI4" a fol. 89 tal-process, jirrizulta li r-Rikorrent oggezzjona minn din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa **fit-13 ta' Lulju 2009**. Id-decizjoni dwar l-oggezzjoni tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa inghatat fil-**25 ta' Ottubru 2011**[12] u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV120293 inharget fis-**26 ta' Ottubru 2011**[13]. Ghalkemm ma tirrizultax id-data ezatta meta d-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa gew notifikati lir-Rikorrent, jirrizulta li l-proceduri odjerni gew istitwiti fit-**2 ta' Dicembru 2011**[14].

Meta dawn il-fatti u d-dati minnhom rizultanti jigu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti tal-Ligi iktar 'l fuq citati, ossia l-Artikoli 52(5), 55 u 56 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami u l-Artikolu 2156(g) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta bl-iktar mod car u evidenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas ta' taxxa fuq il-valur taxxabbli addizzjonali u ta' taxxa addizzjonali relattivament ghall-akkwist tal-*maisonette* Nru.20, Petersborough, Triq San Mikiel, Fgura, ma hijiex preskritta.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa jigi determinat jekk it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif diretta fil-konfront tar-Rikorrent hijiex gustifikata o meno.

Ir-Rikorrent jikkontendi li ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi stante li l-fond ossia *maisonette* Nru.20, Triq San Mikiel, Fgura, gie trasferit a favur martu Josephine Mary Cuschieri, illum mejta, in forza ta'

---

[10] Dok. "KTI1" a fol. 84 sa' 86 tal-process.
[11] Dok. "KTI3" a fol. 88 tal-process.
[12] Dok. "KTI7" a fol. 92 sa' 94 tal-process.
[13] Dok. "KTI6" a fol. 91 tal-process.
[14] Fol. 3 tal-process.

kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 24 ta' April 2009 u ghalhekk kwalunkwe pretensjoni tal-Kummissarju ghandha tigi diretta fil-konfront taghha *qua* proprjetarja esklussiva ta' l-imsemmi fond.

It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' din l-affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tar-Rikorrent u dana ghar-raguni li l-obbligu tal-hlas ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali a tenur ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, jiskatta mat-trasferiment u jinkombi fuq il-partijiet kontraenti ghal dak it-trasferiment partikolari[15], li fil-kaz in ezami kienu *inter alia* r-Rikorrent **u** martu Josephine Mary Cuschieri li akkwistaw il-fond in kwistjoni flimkien u *in solidum* bejniethom. Biex tali obbligu jew addirittura dejn versu l-Kummissarju tat-Taxxi jigi trasferit fuq wiehed minnhom biss kellha issir delega hew assenjazzjoni ta' l-istess, li fil-kaz in ezami ma jirrizultax li saret, u l-Kummissarju tat-Taxxi kellu fi kwalunkwe kaz jew jaccetta id-delega ta' l-obbligu tal-hlas u b'hekk jehles lir-Rikorrent minn kwalunkwe responsabilità ghall-hlas jew jigi notifikat bl-assenjazzjoni ta' dejn permezz ta' att gudizzjarju, li ukoll fil-kaz in ezami ma jirrizultawx illi saru[16].

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li r-Rikorrent jista' jkun soggett ghall-hlas ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali ai termini tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm-il darba jirrizulta li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hija gustifikata.

In kwantu rigwarda dan l-aspett it-Tribunal josserva li mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo, li kien il-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-fini li jaghmel stima tal-valur reali tal-fond akkwistat mir-Rikorrent u martu fiz-zmien tat-trasferiment u prodott bhala xhud mir-Rikorrent, kif ukoll mid-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Lulju 2013[17], jirrizulta li l-Perit Cacopardo kien ta zewg stimi ghall-fond in kwistjoni. L-ewwel stima kienet ta' €175,000 izda din kienet *best of judgement* peress illi sa' dak l-istadju kien ghadu ma rnexxilux jaccedi fil-fond in kwistjoni u t-tieni stima, li nghatat wara li effettivament spezzjona l-fond in kwistjoni, kienet ta' €98,000. Mix-xhieda li ta l-Perit Cacopardo kemm waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2012 kif ukoll waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, jirrizulta b'mod car li huwa kkonsidra l-fond in kwistjoni bhala li ghandu l-arja tieghu u l-valur ta' €98,000 huwa appuntu l-valur tal-*maisonette* akkwistata mir-Rikorrent u martu **bl-arja inkluza**. Madanakollu però kemm mill-kuntratt ta' l-akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 18 ta' Dicembru 2008[18] kif ukoll mill-Avviz tat-trasferiment notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi[19], jirrizulta b'mod car li l-*maisonette* akkwistat mir-Rikorrent u martu ma giex akkwistat bl-arja tieghu in kwantu jinsab sottopost ghal proprjetà ta' terzi. Fid-dawl ta' dan il-fatt ghalhekk jirrizulta bl-iktar mod

---

[15] Artikoli 32 u 40 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-proceduri odjerni u Artikoli 1469 sa' 1472 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[16] Artikoli 1469 sa' 1472 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 1833 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.
[17] Fol. 83 sa' 94 tal-process.
[18] Dok. "B" a fol. 52 sa' 60 tal-process.
[19] Dok. "KTI1" a fol. 84 sa' 86 tal-process.

evidenti li l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo fir-rigward tal-*maisonette* akkwistat mir-Rikorrent u martu, kif minnhom akkwistat, ossia minghajr l-arja tieghu, hija eccessiva.

Waqt it-trattazzjoni finali l-Kummissarju tat-Taxxi ssottometta li ghalkemm huwa minnu li mill-provi prodotti jirrizulta li l-*maisonette* in kwistjoni ma giex akkwistat bl-arja tieghu, ir-Rikorrent xorta wahda ma ppruvax li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa l-valur reali tal-fond in kwistjoni u li hu u/jew martu kienu ghamlu xoghol ta' tisbih fl-istess fond wara li dan gie akkwistat minnhom. Tali sottomissjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi però hija ghal finijiet ta' proceduri quddiem dan it-Tribunal, kollox guridikament bla bazi.

A tenur ta' l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta l-appellant ghandu jipprova li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu hija eccessiva u mhux li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa jew ta' l-inqas jirrifletti l-valur reali ta' l-immobbli trasferit/akkwistat fiz-zmien ta' trasferiment. Quindi una volta li r-Rikorrent – tramite x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo – sehhlu jipprova li l-istima ta' l-imsemmi Perit hija fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz eccessiva in kwantu tiehu in konsiderazzjoni arja li ma kenitx tifforma parti mill-fond akkwistat minnu u minn martu, l-istess Rikorrent ma kellu bzonn jipprova assolutament xejn iktar. Kien se mai jispetta lill-Kummissarju tat-Taxxi jipprova li minkejja dan l-izball evidenti da parte tal-Perit Cacopardo il-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment xorta ma kienx jirrifletti l-valur reali tal-fond in kwistjoni fiz-zmien tat-trasferiment, prova li però baqghet qatt ma saret mill-Kummissarju.

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li fil-mertu t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif diretta fil-konfront tar-Rikorrent ma hijiex gustifikata in kwantu eccessiva u b'hekk l-istess Rikorrent hu gustifikat f'li appella mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-25 ta' Ottubru 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV120293.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif avvanzata fil-konfront tar-Rikorrent permezz tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV120293 ma hijiex preskritta, jiddikjara li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV120293 hija però eccessiva u ghaldaqstant jilqa' l-appell tar-Rikorrent fil-mertu u konsegwentement ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarjuntat-Taxxi datata 25 ta' Ottubru 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV120293 minnu mahruga fil-konfront tar-Rikorrent.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**